

Lussemburgu, 20 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14071/25

COASI 125	AG 156
ASIE 42	POLMIL 311
CFSP/PESC 1480	POLCOM 299
RELEX 1302	DIGIT 197
ENER 530	AGRI 494
ENV 1027	TRANS 471
CLIMA 440	EDUC 385
DEVGEN 176	MIGR 348
ECOFIN 1355	COAFR 275
COMPET 1018	MOG 123
RECH 445	GLOBAL GATEWAY 33
FIN 1212	

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Ottubru 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13674/25	
Suġġett:	Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku – Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Ottubru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, kif approvati mill-Kunsill fl-4125 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ottubru 2025.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE
għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku**

1. Il-Kunsill iqis li l-UE għandha tkompli u tintensifika aktar l-enfasi strateġika, il-preżenza, il-viżibbiltà u l-azzjonijiet tagħha fl-Indo-Paċifiku bl-għan li tikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli konġunti tagħna, mirfuda mill-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali. L-UE ser issaħħaħ ir-rwol tagħha bħala attur affidabbli li jgħib valur miżjud għar-relazzjonijiet li ilhom jeżistu mas-sħab kollha fir-reġjun. Dan huwa partikolarment rilevanti peress li l-UE għandha preżenza ġeografika fl-Indo-Paċifiku permezz tar-reġjuni ultraperiferiċi tagħha u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej. Il-Kunsill jissottolinja l-impenn tiegħu għal preżenza politika kkoordinata mill-qrib tal-UE u l-Istati Membri fir-reġjun.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku tkompli tipprovdi qafas sod għall-impenn tal-UE f'reġjun magħmul mill-kosta tal-Lvant tal-Afrika sal-gżejjer tal-Paċifiku. Huwa jieħu nota tal-passi importanti li ttieħdu biex tiġi implimentata l-Istrateġija fis-seba' oqsma ta' prijorità ewlenin, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, b'enfasi partikolari fuq tliet oqsma ewlenin ta' involviment: l-isfidi għas-sigurtà u d-difiża, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u s-sigurtà kummerċjali u ekonomika. Il-Kunsill ifakkar li l-impenn tiegħu lejn ir-reġjun jinkludi s-sħab kollha li jixtiequ jikkooperaw mal-UE. Hemm ukoll sinerġiji importanti bejn l-istrateġiji u l-oqfsa ta' diversi Stati Membri tal-UE u l-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku.

3. Il-Kunsill ifakkar li l-impenn strateġiku tal-UE fl-Indo-Paċifiku, inkluż ma' organizzazzjonijiet reġjonali bħall-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku, l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan u l-Kummissjoni tal-Oċean Indjan għandu l-għan li jirrispetta s-sistema multilaterali u l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ir-rieda tal-UE li tkompli tikkoopera mas-sħab Indo-Paċifiċi fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija filwaqt li jinnota li l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili hija kritika biex jinbnew soċjetajiet inklużivi, sikuri u prosperi.
4. Barra minn hekk, l-UE ser tkompli taħdem mas-sħab tagħha lejn it-tranżizzjoni lejn ekonomiji ekoloġiċi u ċirkolari, ambjent miftuħ u ġust għall-kummerċ u l-investment, l-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista, u l-appoġġ għall-konnettività mal-UE. Il-Global Gateway għandha rwol essenzjali fit-tisħiħ ta' konnessjonijiet intelliġenti, nodfa u siguri, b'enfasi fuq infrastruttura ta' kwalità għolja u reżiljenti fi sħubija mal-Bank Ewropew tal-Investment, l-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp u l-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll is-settur privat.
5. Il-Kunsill jissottolinja l-fatt li l-UE u s-sħab Indo-Paċifiċi qed jiffaċċaw sfidi ta' sigurtà dejjem aktar kumplessi u li s-sigurtà tal-Indo-Paċifiku u tal-Ewropa huma aktar interkonnessa minn qatt qabel. Is-sigurtà u l-prosperità fl-Ewropa u fl-Indo-Paċifiku huma affettwati direttament mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bl-appoġġ ta' pajjiżi terzi – inkluż ir-RDPK – li jippermettu b'mod attiv l-isforzi tal-gwerra. F'dan il-kuntest, il-Kunsill iħegġegħ lill-pajjiżi kollha jwaqqfu minnufih kwalunkwe assistenza diretta jew indiretta lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. It-tensjonijiet li għaddejjin fl-Ibħra tan-Nofsinhar u tal-Lvant taċ-Ċina u fl-Istrett tat-Tajwan, fost l-oħrajn, jista' jkollhom ukoll impatt profond fuq is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità Ewropea u Indo-Paċifika. Il-Kunsill itenni l-oppożizzjoni tiegħu għal kwalunkwe tentattiv unilaterali biex jinbidel l-istatus quo bil-forza jew bil-koerċizzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni mas-sħab Indo-Paċifiċi biex jiġu indirizzati r-riskji maħluqa mill-bastimenti tal-flotta mistura li jiksru r-regoli marittimi internazzjonali, filwaqt li jipperikolaw l-ambjent tal-baħar fl-UE u fl-Indo-Paċifiku filwaqt li joħlqu riskji possibbli għall-infrastruttura marittima kritika. Il-Kunsill itenni t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni attwali kemm fl-Afganistan kif ukoll fil-Myanmar. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn sod tiegħu li jikseb paċi ġusta, komprensiva u deġġiema fil-Lvant Nofsani abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ Stati.

6. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jiżviluppaw aktar il-kooperazzjoni f'oqsma ewlenin bħas-sigurtà marittima, il-Manipulazzjoni tal- Informazzjoni u Interferenza minn Barranin, iċ-ċiberspazju, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sigurtà spazjali fost l-oħrajn, u li jsaħħu s-sinerġiji ma' sħab ewlenin u organizzazzjonijiet rilevanti fir-reġjun, b'rispett sħiħ għall-Karta tan-NU inkluż permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE bħal CRIMARIO¹, ESIWA² u GPS³. Il-Kunsill ifakkar fis-Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża mal-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea li jippermettu aktar kooperazzjoni f'oqsma maqbula b'mod konġunt, u jistenna b'interess il-konklużjoni possibbli ta' aktar sħubiji bħal dawn, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kunsill. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-valur ta' approċċ komprensiv għas-sigurtà, li jibni fuq l-esperjenzi tal-Istati Membri bil-mudell ta' preparezza tas-soċjetà kollha.

¹ Rotot Marittimi Kritiċi fir-Reġjun Indo-Paċifiku.

² Kooperazzjoni Msaħħa fil-qasam tas-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja.

³ Sikurezza tal-Portijiet fil-Livell Dinji.

7. Il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu għad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari kif rifless fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), u għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż taħt il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim tal-UNCLOS. Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut tal-Operazzjoni ASPIDES għat-tisħiħ tas-sigurtà marittima u l-protezzjoni tal-korsiji tal-baħar internazzjonali mill-Ewropa permezz tal-Baħar l-Aħmar lejn l-Indo-Paċifiku. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut li sar mill-forzi navali tal-pajjiżi sħab Indo-Paċifiċi għad-difiża tal-libertà tan-navigazzjoni, il-ġlieda kontra l-piraterija u theddid ieħor għas-sigurtà marittima, bħall-kriminalità organizzata, it-traffikar illeċitu tad-drogi u s-sajd illegali, mhux regolat u mhux irrappurtat, inkluż permezz tal-kooperazzjoni tagħhom mal-Operazzjoni ATALANTA. Il-Kunsill jappoġġa t-tisħiħ ulterjuri tal-ġharfien tas-sitwazzjoni marittima, bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' valutazzjoni, koordinazzjoni u interoperabbiltà kondiviżi. Il-Kunsill jissottolinja l-fatt li r-reżiljenza tal-infrastruttura marittima kritika hija essenzjali għas-sigurtà u l-prosperità tal-UE u tas-sħab tagħha fl-Indo-Paċifiku, u li l-protezzjoni tagħha teħtieġ sforz miftiehem u kkoordinat. Il-Kunsill jilqa' l-avveniment parallel li jmiss iddedikat għall-infrastruttura marittima kritika li għandu jsir fil-marġini tal-Forum Ministerjali Indo-Paċifiku tal-UE li jmiss. L-UE tkompli tippromwovi fehim komuni tat-theddid u l-isfidi eżistenti għall-infrastruttura kritika fil-bieċa l-kbira interkonnessa u tinkoraġġixxi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u risponsi.

8. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-Ftehim ta' Pariġi, għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u għall-Aġenda 2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, kif ukoll għall-avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika madwar id-dinja, b'mod partikolari mas-sħab Indo-Paċifiċi. L-UE tikkondividi l-għan komuni li tinkiseb ekonomija b'emissjonijiet żero tal-karbonju u reżiljenti sal-2050 mal-pajjiżi Indo-Paċifiċi. Il-Kunsill jissottolinja t-theddida eżistenzjali u għas-sigurtà maħluqa mit-tibdil fil-klima fir-reġjun Indo-Paċifiku. F'dik il-perspettiva, l-UE tappoġġa mitigazzjoni, adattament u reżiljenza inklużivi, ekwi u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari għal dawk iż-żoni li huma l-aktar affettwati, inkluż il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw. L-UE tibqa' impenjata għall-protezzjoni tal-oċean u tappoġġa l-Istrateġija tal-2050 għall-Kontinent Blu tal-Paċifiku. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li l-Global Gateway u s-sħubijiet strateġiċi tal-UE fir-reġjun bħall-Alleanzi Ekoloġiċi, is-Sħubijiet Ekoloġiċi u s-Sħubijiet għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta, kif ukoll l-Alleanza Blu u Ekoloġika, qed javvanzaw ukoll fl-azzjoni klimatika.
9. Fid-dawl tal-interdipendenza ekonomika dejjem tikber bejn l-UE u l-Indo-Paċifiku u t-theddid għas-sistema kummerċjali globali u għar-reżiljenza tal-katina tal-provvista, il-Kunsill jenfasizza kemm huwa importanti li l-UE tkompli ssaħħa is-sħubijiet kummerċjali tagħha fl-Indo-Paċifiku kollu. L-UE biħsiebha wkoll tikkoopera u ssaħħa ir-rabtiet kummerċjali mal-Ftehim Komprensiv u Progressiv għas-Sħubija Trans-Paċifika fil-promozzjoni ta' sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-isforzi biex jiġi konkluż il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiva mal-Indoneżja, li għandu jiġi eżaminat mill-Kunsill, u t-tkomplija tan-negozjati li għaddejjin dwar ftehimiet kummerċjali mal-Indja, it-Tajlandja, il-Filippini, il-Malażja, l-Awstralja u l-Emirati Għarab Magħquda, kif ukoll li jinżamm il-momentum fl-esplorazzjoni ta' opportunitajiet għal negozjati dwar ftehimiet kummerċjali addizzjonali li huma ambizzjużi u bbilanċjati u li jirriflettu l-prijoritajiet u l-valuri tal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni mill-qrib dwar il-governanza diġitali globali mas-sħab Indo-Paċifiċi f'fora multilaterali u b'mod partikolari l-progress miksub fl-implimentazzjoni tas-Sħubijiet Diġitali maqbula mas-sħab Indo-Paċifiċi. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-Ftehim ta' Samoa bħala qafas ewlieni għat-tisħiħ tar-rabtiet politiċi u ekonomiċi mal-pajjiżi AKP.

10. Filwaqt li jibni fuq tliet Fora Ministerjali UE-Indo Paċifiku ta' suċċess (Pariġi 2022, Stokkolma 2023 u Brussell 2024), il-Kunsill jistenna b'interess ir-Raba' Forum Ministerjali UE-Indo Paċifiku, li għandu jitlaqqa' mir-Rappreżentant Għoli fi Brussell fl-20 u l-21 ta' Novembru 2025. Dawk il-Fora Ministerjali UE-Indo Paċifiku jikkostitwixxu pjattaforma unika għall-interazzjoni strateġika mal-udjenzi fiż-żewġ reġjuni. Dawn jirriflettu l-interess qawwi u kondiviż tal-UE u tas-sħab Indo-Paċifiċi fit-trawwim ta' kooperazzjoni konkreta, inkluż fuq bażi interreġjonali, fit-tisħiħ tas-sigurtà reċiproka, il-prosperità u r-reżiljenza u t-tqegħid ta' sisien għal sħubija dejjem aktar ambizzjuża.
-